Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Fużjonijiet mogħtija fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2018 dwar abbozz preliminarju ta' deċiżjoni marbuta mal-Każ M.8674 — BASF/Solvay's EP and P&I Business

Relatur: Id-Danimarka

(2019/C 325/03)

Ġurisdizzjoni

1. Il-Kumitat Konsultattiv (seba' Stati Membri) jaqbel mal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni notifikata tikkostitwixxi konċentrazzjoni fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

2. Il-Kumitat Konsultattiv (seba' Stati Membri) jaqbel mal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni notifikata għandha dimensjoni tal-UE fis-sens tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

Definizzjoni tas-swieq

3. Il-Kumitat Konsultattiv (seba' Stati Membri) jaqbel mad-definizzjonijiet tal-Kummissjoni għas-swieq ġeografiċi u tal-prodotti rilevanti kif iddikjarat fl-abbozz tad-Deċiżjoni. B'mod iktar speċifiku:

   a. l-ADN

   b. l-HMD

   c. l-Aċidu Adipiku

   d. il-melħ AH

   e. il-KoPoliammid PA 6/6.6

   f. il-PA 6.6 BP

   g. il-PA 6.6 PE

   h. it-trab għall-istampar 3D, PA6

   i. l-HDI u d-derivattivi tal-HDI

Il-valutazzjoni kompetittiva

4. Il-Kumitat Konsultattiv (seba' Stati Membri) jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li t-tħassib dwar il-kompetizzjoni identifikat fir-rigward tas-suq madwar iż-ŻEE tal-ADN C4 huwa speċifiku għall-fużjoni.

5. Il-Kumitat Konsultattiv (seba' Stati Membri) jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni notifikata ma tidhirx li twassal għal impediment sinifikanti ta' kompetizzjoni effettiva bħala riżultat ta'

   a. effetti orizzontali mhux koordinati fis-swieq affettwati li ġejjin fiż-ŻEE (i) ADN, (ii) HMD, (iii) Aċidu Adipiku, (iv) melħ AH, (v) PA 6.6 BP, (vi) PA 6.6 EP u t-trab għall-istampar 3D, PA6 mad-dinja kollha

      kif ukoll

   b. effetti vertikali mhux koordinati minħabba l-esklużjoni mid-dħul (i) għas-suq upstream tal-ADN u s-suq downstream tal-HMD; (ii) is-suq upstream tal-HMD u l-PA downstream (melħ AH, PA 6.6 BP u PA 6.6 EP) u l-katini ta' valur tal-HDI (l-HDI u d-derivattivi tal-HDI); (iii) is-suq upstream tal-Aċidu Adipiku u l-katina tal-valur downstream tal-PA (il-melħ AH, il-PA.6.6 BP u l-PA 6.6 EP); (iv) is-suq upstream tal-melħ AH u u s-suq downstream tal-kopoliammid PA 6/6.6 u (v) is-suq upstream tal-PA 6.6 BP u s-suq downstream tal-PA 6.6 EP fiż-ŻEE.

6. Il-Kumitat Konsultattiv (seba' Stati Membri) jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni notifikata ma tidhirx li twassal għall-effetti orizzontali mhux koordinati jew effetti vertikali mhux koordinati minħabba esklużjoni ta' input li twassal għall-impediment sinifikanti tal-kompetizzjoni effettiva fil-bqija tas-swieq orizzontali jew tas-swieq vertikali affettwati identifikati fl-abbozz tad-Deċiżjoni.

7. Il-Kumitat Konsultattiv (seba' Stati Membri) jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni notifikata ma tidhirx li twassal għall-effetti orizzontali mhux koordinati minħabba l-esklużjoni tal-konsumatur li twassal għall-impediment sinifikanti tal-kompetizzjoni effettiva fiż-ŻEE.

8. Il-Kumitat Konsultattiv (seba' Stati Membri) jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni notifikata ma tidhirx li twassal għall-effetti konglomerati li jwasslu għall-impediment sinifikanti għall-kompetizzjoni effettiva fiż-ŻEE.

Impenji

9. Il-Kumitat Konsultattiv (seba' Stati Membri) jaqbel mal-Kummissjoni li l-impenji finali offruti mill-parti notifikanti fil-31 ta' Ottubru 2018 (*) jindirizzaw it-tħassib tal-kompetizzjoni identifikat mill-Kummissjoni (il-mistoqsija 4a u 4b).

10. Il-Kumitat Konsultattiv (seba' Stati Membri) jaqbel mal-Kummissjoni li, soġġett għall-konformità sħiħa mal-impenji finali offruti mill-parti notifikanti fil-31 ta' Ottubru 2018, it-tranżazzjoni notifikata ma tidhirx li tfixkel b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-suq intern jew f'parti sostanzjali minnu.

ltà mas-suq intern u mal-Ftehim dwar iż-ŻEE

11. Il-Kumitat Konsultattiv (seba' Stati Membri) jaqbel mal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni notifikata għalhekk trid tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern u mal-funzjonament tal-Ftehim dwar iż-ŻEE f'konformità mal-Artikoli 2(2) u 8(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet u l-Artikolu 57 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(*) Fl-31 ta' Ottubru 2018, ġew ippreżentati lill-Kummissjoni impenji riveduti li jqisu l-feedback riċevut waqt it-test tas-suq. Il-Partijiet ippreżentaw is-sett finali tal-Impenji (l-"Impenji Finali") fil-11 ta' Diċembru 2018.